KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOBEK
ippreżentati fit-23 ta' Mejju 2019[1]

**Kawża C-239/18**

**Saatgut-Treuhandverwaltungs GmbH**
**vs**
**Freistaat Thüringen**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Thüringer Oberlandesgericht (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Thüringen, il-Ġermanja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Varjetajiet ta' pjanti – Sistema ta' protezzjoni – Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 2100/94 u Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1768/95 – Użu mill-bdiewa tal-prodott ta' wiċċ ir-raba' – Korpi uffiċjali involuti fil-monitoraġġ tal-produzzjoni agrikola – Kunċett – Obbligu li tingħata informazzjoni lid-detentur tad-dritt Komunitarju – Kamp ta' applikazzjoni – Kontenut tat-talba għal informazzjoni– Speċi jew varjetajiet – Eċċezzjonijiet għall-obbligu li tingħata informazzjoni – Piż addizzjonali jew spejjeż implikati sabiex tinkiseb informazzjoni minn database"

## I. Introduzzjoni

1. Saatgut-Treuhandverwaltungs GmbH (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti") tirrappreżenta għadd ta' impriżi li jkabbru ż-żrieragħ li għandhom drittijiet għal varjetajiet ta' pjanti. Skont il-liġi tal-Unjoni varjetajiet ta' *genera* u speċi botaniċi jistgħu jkunu l-oġġett ta' drittijiet Komunitarji għal varjetajiet ta' pjanti. Id-detenturi ta' dawn id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali għandhom jirċievu ħlas bħala kumpens għall-użu tal-varjetajiet protetti. Għal dan l-għan, dawk li jkollhom varjetajiet għandhom id-dritt jitolbu u jirċievu ċerta informazzjoni mingħand bdiewa, proċessuri, jew korpi uffiċjali involuti fil-monitoraġġ ta' produzzjoni agrikola biex jinfurzaw id-dritt tagħhom għal ħlas.

2. Fis-sentenzi fil-kawżi *Schulin*[2] u *Brangewitz*[3] il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat il-kwistjoni dwar it-tip u l-kamp ta' applikazzjoni tal-informazzjoni li dawk li jkollhom varjetajiet protetti jistgħu jitolbu mingħand bdiewa u proċessuri, rispettivament. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tintalab tikkumplimenta l-istampa fir-rigward ta' talbiet magħmula lil *korpi uffiċjali* minn dawk li jkollhom dawn il-varjetajiet: sa fejn jista' wieħed li jkollu varjetà protetta jikseb (liema tip ta') informazzjoni mingħand (liema) korpi uffiċjali sabiex jeżerċita d-dritt tiegħu għal ħlas?

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Sentenza tal-10 ta' April 2003 (C-305/00, EU:C:2003:218).

3 Sentenza tal-14 ta' Ottubru 2004 (C-336/02, EU:C:2004:622).

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Ir-Regolament Bażiku*

3. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta’ Lulju 1994 dwar id-drittijiet ta’ varjetajiet ta’ pjanti fil-Komunità[4] (iktar ’il quddiem ir-“Regolament Bażiku”) huwa fformulat kif ġej:

“Għall-għanijiet ta’ dan ir-Regolament, “varjetajiet” għandha tittieħed li tiftiehem grupp ta’ pjanti fi ħdan klassifika botanika unika ta’ l-aktar speċi baxxa magħrufa”

4. Bis-saħħa tal-Artikolu 13(2), “[m]ingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta’ l-[Artikoli] 15 u 16, l-atti li ġejjin dwar kostitwenti tal-varjetajiet, jew materjal maħsud tal-varjetajiet protetti, hawnhekk iżjed ’il quddiem imsejjaħ “il-materjal”, għandu jeħtieġ l-awtorizzazzjoni tad-detentur:(a) produzzjoni jew riproduzzjoni (moltiplikazzjoni);”.

5. L-Artikolu 14 tar-Regolament Bażiku, intitolat “Deroga mid-dritt tal-Komunità tal-varjetajiet ta’ pjanti”. Dan jipprovdi, fil-paragrafu 1, li “[m]inkejja l-Artikolu 13(2), u għall-għanijiet tal-ħarsien tal-produzzjoni agrikola, il-bdiewa huma awtorizzati li jużaw għal għanijiet ta’ propagazzjoni fl-għalqa, fuq l-art tagħhom il-prodott tal-ħsad li jkunu akkwistaw permezz taż-żergħa, fuq l-art tagħhom, materjal ta’ propagazzjoni ta’ varjetajiet minbarra varjetajiet mħallta jew sintetiċi, li jkunu [koperti] minn dritt tal-Komunità tal-varjetajiet ta’ pjanti.”

6. L-Artikolu 14(2)tar-Regolament Bażiku jispeċifika li d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom ikunu applikabbli biss għall-ispeċi ta’ pjanti agrikoli li huwa jelenka.

7. Id-dispożizzjoni ewlenija, l-Artikolu 14(3), hija fformulata kif ġej:

“Kondizzjonijiet biex jagħtu effett lid-deroga li għaliha jipprovdi l-paragrafu 1 u biex jitħarsu l-interessi leġittimi ta’ dak li jkabbar u tal-bidwi, għandhom ikunu stabbiliti, qabel id-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament, fl-implimentazzjoni tar-regoli bis-saħħa ta’ l-Artikolu 114, fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjiin:

– m’għandu jkun hemm l-ebda restrizzjoni kwantitattiva tal-livell ta’ l-art tal-bidwi sal-limitu meħtieġ għall-ħtiġijiet ta’ l-art,

– il-prodott tal-ħsad jista’ jiġi proċessat għaż-żergħa, jew mill-bidwi nnifsu jew permezz ta’ servizzi mogħtija lilu, bla preġudizzju għal xi restrizzjonijiet li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu dwar l-organizzazzjoni ta’ l-ipproċessar ta’ l-imsemmi prodott tal-ħsad, b’mod partikolari sabiex tiġi assigurata l-identità tal-prodott imdaħħal għall-ipproċessar b’dak li jirriżulta mill-ipproċessar,

– bdiewa zgħar ma jkunux meħtieġa li jagħmlu xi ħlas lid-detentur; ikunu konsidrati bħala bdiewa żgħar dawk li:

  – fil-każ ta’ dawk l-ispeċi ta’ pjanti li għalihom jirreferi l-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu u li għalihom japplka r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1765/92 tat-30 ta’ Ġunju 1992 li jistabbilixxi sistema ta’ appoġġ għall-produtturi ta’ ċerti wċuh tar-raba, bdiewa li ma jkabbrux pjanti fuq qasam akbar mill-qasam li jkun meħtieġ biex jipproduċi 92 tunnellata ta’ ċereali; għall-kalkolazzjoni tal-qasam għandu japplika l-Artikolu 8(2) ta’ l-imsemmi Regolament,

  – fil-każ ta’ speċi oħrajn ta’ pjanti li għalihom jirreferi l-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu, bdiewa li jissodisfaw kriterji xierqa komparabbli,

4 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 16, p. 390

– bdiewa oħrajn ikunu meħtieġa li jħallsu ħlas xieraq lid-detentur, li għandu jkun sensibilment aktar baxx mill-ammont li jitħallas għall-produzzjoni liċenzjata ta' materjal ta' propagazzjoni ta' l-istess varjetajiet fl-istess qasam; il-livell attwali ta' dan il-ħlas xieraq jista' jkun suġġett għall-varjazzjoni matul iż-żmien, meta jittieħed akkont tal-limitu li jista' jsir użu mid-deroga pprovduta fil-paragrafu 1 dwar il-varjetajiet ikkonċernati,

– is-sorveljar ta' l-aderenza mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jew mad-dispożizzjonijiet adottati bis-saħħa ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu [ir-responsabbiltà] esklużiva tad-detenturi; [fl-organizzazzjoni] ta' dak is-sorveljar jistgħu ma jipprovdux [għall-għajnuna] minn korpi uffiċjali,

– it-tagħrif relevanti għandu jkun ipprovdut lid-detenturi fuq talba tagħhom, minn bdiewa u dawk li jipprovdu s-servizzi ta' l-ipproċessar; it-tagħrif relevanti jista' ugwalment jiġi pprovdut minn korpi uffiċjali involuti fis-sorveljar ta' produzzjoni agrikola, jekk dak it-tagħrif ikun ġie miksub bil-mezz tat-tagħmil orninarju [twettiq ordinarju] ta' xogħolhom, mingħajr piżijiet jew spejjeż addizzjonali. Dawn id-dispożizzjonijiet huma bla preġudizzju, dwar id-dettalji personali, [għal-legislazzjoni] tal-Komunità u nazzjonali dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar u ċaqliq ħieles ta' dettalji personali."

## *B. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni*

8. L-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1768/95 tal-24 ta' Lulju 1995 li jimplimenta regoli dwar l-eżenzjoni agrikola prevista fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 dwar drittijiet Komunitarji rigward varjetajiet ta' pjanti [5] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' Implimentazzjoni") jipprovdi li:

"1. Talba għal informazzjoni dwar l-użu attwali ta' materjal, permezz ta' taħwil, ta' speċi jew varjetajiet speċifiċi, jew dwar ir-riżultati ta' dan l-użu, li detentur jindirizza lil xi korp uffiċjali, trid issir bil-miktub. F'din it-talba, d-detentur irid jagħti ismu u l-indirizz tiegħu, il-varjetà jew varjetajiet li dwarhom hu interessat li jkollu informazzjoni u t-tip ta' informazzjoni li jkun irid. Hu jrid ukoll jagħti prova tad-dritt tiegħu bħala detentur.

2. Il-korp uffiċjali jista', bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12, iżomm lura l-informazzjoni mitluba biss, jekk

— mhuwiex involut fil-monitoraġġ ta' produzzjoni agrikola, jew

— li ma jistax jitħalla, skond xi regola jew regoli tal-Komunita jew regoli ta' l-Istati Membri dwar diskrezzjoni ġenerali li japplikaw fir-rigward ta' attivitajiet ta' korpi [uffiċjali], jagħti din l-informazzjoni lil detenturi, jew

— hi fid-diskrezzjoni tiegħu, skond il-liġijiet tal-Komunità jew il-liġijiet ta' l-Istati Membri li permezz tagħhom l-informazzjoni inġabret, li żżomm lura din l-informazzjoni, jew

— din l-informazzjoni m'hijiex jew m'għadhiex disponibbli, jew

— din l-informazzjoni ma' tistax tiġi akkwistata permezz ta' twettiq ordinarju tax-xogħol tal-korp uffiċjali, jew

— din l-informazzjoni tista' tinkiseb biss jekk ikun hemm xogħol jew spejjeż żejda, jew

5 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 18, p. 63

— din l-informazzjoni tirrigwarda speċifikament materjal li ma jippartjenix għall-varjetajiet tad-detentur.

Il-korpi uffiċjali konċernati jridu jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-mod li bih huma jeżerċitaw id-diskrezzjoni tagħhom imsemmija fit-tielet inċiż ta' hawn fuq.

3. Fl-għoti ta' l-informazzjoni, il-korp uffiċjali ma' jistax jagħmel differenza bejn detentur u ieħor. Il-korp uffiċjali jista' jagħti l-informazzjoni mitluba billi jagħti kopji lid-detentur, li jkunu ħarġu minn dokumenti li jkollhom informazzjoni addizzjonali għal dik li għandha x'taqsam ma' materjal ta' varjetajiet tad-detentur, sakemm ikun assigurat li titneħħa kull possibilta li jiġu identifikati persuni protetti skond id-dispożizzjonijiet msemmjin fl-Artikolu 12.

4. Jekk il-korp uffiċjali jiddeċiedi li jżomm lura l-informazzjoni mitluba, irid jinforma d-detentur li talabha bil-miktub u jindika r-raġunijiet għal din id-deċizjoni."

## III. Il-fatti, il-proċedura u d-domandi magħmula

9. Ir-rikorrenti hija kumpannija Ġermaniża li taħdem fil-qasam tal-ġestjoni fiduċjarja, billi topera prinċipalment f'isem impriżi Ġermaniżi li jkabbru ż-żrieragħ[6]. Dawk l-impriżi huma detenturi ta' drittijiet għal varjetajiet ta' pjanti u/jew proprjetarji ta' drittijiet esklużivi ta' użu ta' varjetajiet protetti għal użu agrikolu fil-Ġermanja. Huma kienu taw lir-rikorrenti l-inkarigu li tagħmel xogħol ta' infurzar, f'isimha proprju, tad-dritt għal ħlas li detenturi jisiltu mill-kultivazzjoni ta' varjetajiet ta' pjanti protetti.

10. Freistaat Thüringen (iktar 'il quddiem il-"konvenuta"), irrappreżentata mill-Landesverwaltungsamt (l-Uffiċċju Amministrattiv), hija responsabbli għall-monitoraġġ ta' fondi tal-Unjoni fil-kuntest tal-amministrazzjoni u s-superviżjoni ta' għotjiet mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013[7] u l-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 907/2014[8] (flimkien mal-Anness I.1.A. tiegħu).

11. Skont il-qorti tar-rinviju, b'rabta mas-sussidji minn fondi tal-Unjoni u mal-monitoraġġ relatat ta' konformità mar-regoli ta' finanzjament, il-konvenuta żżomm data fl-Integriertes Verwaltungs- und Kontrollsystem (sistema integrata ta' amministrazzjoni u superviżjoni; iktar 'il quddiem l-"InVeKOS"). Din id-database fiha data dwar l-azjendi agrikoli attivi fit-territorju tal-konvenuta, b'mod partikolari l-informazzjoni mogħtija minn bdiewa li jagħmlu talbiet għall-finanzjament. L-informazzjoni dwar l-ispeċi ta' pjanti użati tidher li tista' tinkiseb minn din id-database għall-finijiet ta' assigurazzjoni tal-konformità ma' regoli b'rabta mar-rotazzjoni ta' wċuħ tar-raba'.

12. Permezz ta' ittra tal-5 ta' April 2016, ir-rikorrenti talbet it-trażmissjoni ta' ċertu sett ta' data maħżun fid-database InVeKoS. Il-konvenuta rrifjutat li tiżvela din id-data u bbażat ir-rifjut tagħha fuq il-paragrafu 9(1) tat-Thüringer Informationsfreiheitsgesetz (il-Liġi ta' Thüringen dwar il-libertà tal-informazzjoni; iktar 'il quddiem it-"ThürIFG").

6 Mill-proċess nazzjonali ppreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja jidher li r-rikorrenti tirrappreżenta iktar minn 50 persuna li jkabbru ż-żrieragħ, filwaqt li ħafna minnhom huma bbażati d-Danimarka, Franza, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Polonja.

7 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU 2013, L 347, p. 549).

8 Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU 2014 L 255, p. 18).

13. Fit-23 ta' Diċembru 2016 ir-rikorrenti ressqet din l-azzjoni li permezz tagħha qiegħda titlob lil-Landgericht Erfurt (il-Qorti Reġjonali ta' Erfurt, il-Ġermanja) tinvoka d-dritt għal informazzjoni. Ir-rikorrenti talbet li l-konvenuta tkun ordnata tipprovdilha l-informazzjoni li ġejja maħżuna fid-database:

— l-ismijiet u l-indirizzi tal-impriżi agrikoli;

— f'ettari, iż-żoni agrikoli li fuqhom jitkabbru l-pjanti;

— f'ettari, iż-żoni agrikoli li fuqhom jiġu kkultivati ċ-ċereali u l-patata.

14. Ir-rikorrenti sostniet li hija kellha dritt tikseb informazzjoni mingħand il-konvenuta skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, li japplika wkoll għal speċi ta' pjanti. Bħala korp uffiċjali involut fil-monitoraġġ tal-produzzjoni agrikola, il-konvenuta ma kellhiex dritt iżżomm l-informazzjoni mitluba li l-korp kellu fil-pussess tiegħu u li setgħet tiġi kondiviża mingħajr ebda piż jew spejjeż addizzjonali sinjifikattivi. Fil-fehma tar-rikorrenti, ebda dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali ma kienet tippermetti lill-konvenuta żżomm l-informazzjoni. B'mod partikolari, il-paragrafu 9(1) tat-ThürIFG ma kienx japplika. Minflok, il-bilanċ tal-interessi msemmi fil-paragrafu 9(2) tat-ThürIFG kien ixaqleb favur l-interess tar-rikorrenti li tikseb l-informazzjoni.

15. Il-konvenuta tikkontendi li t-talba għandha tiġi miċħuda minħabba li hija kienet iġġustifikata żżomm l-informazzjoni. Hija ma kinitx korp uffiċjali fis-sens tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 1768/95 u, f'kull każ, dik id-dispożizzjoni kienet tistabbilixxi dritt għal informazzjoni biss b'rabta ma' varjetajiet. Barra minn hekk, minbarra d-dritt li tinżamm informazzjoni li tirriżulta mit-ThürIFG, kien hemm ukoll dritt li ma tingħatax informazzjoni minħabba li l-ġbir tal-informazzjoni mitluba kien ifisser piż u spejjeż addizzjonali.

16. B'sentenza tas-17 ta' Awwissu 2017, il-Landesgericht Erfurt (il-Qorti Reġjonali ta' Erfurt) ċaħdet it-talba. Hija ddeċidiet li l-konvenuta kienet iġġustifikata żżomm l-informazzjoni skont it-tieni u t-tielet inċiż tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, flimkien mal-Artikolu 12 tiegħu.

17. Ir-rikorrenti appellat kontra din id-deċiżjoni quddiem it-Thüringer Oberlandesgericht (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Thüringen, il-Ġermanja), il-qorti tar-rinviju.

18. Permezz tal-appell tagħha, ir-rikorrenti ssostni li għandha dritt għal informazzjoni mingħand il-konvenuta abbażi tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, u li d-dritt għal informazzjoni mingħand korpi uffiċjali ma huwiex relatat biss ma' varjetajiet. Hija r-rikorrenti li għandha tiddetermina l-għan li għalih hija tkun ser tuża l-informazzjoni. B'mod partikolari, l-informazzjoni miżmuma mill-konvenuta tkun qiegħda tipprovdi lir-rikorrenti bi ħjiel tad-daqs taż-żoni attwalment ikkultivati mill-bdiewa, kif ukoll tal-informazzjoni dwar min jaqa' fil-kategorija ta' "bidwi żgħir". B'dan il-mod, ir-rikorrenti tkun tista' tevita jkollha titlob din l-informazzjoni mingħand bdiewa żgħar innifishom. Ir-rikorrenti wiegħdet li tirrifondi lill-konvenuta l-ispejjeż kollha li seta' jkun hemm għat-tfittxija tad-data mitluba, bħal spejjeż relatati ma' pprogrammar ta' softwer.

19. Skont il-konvenuta, il-Landgericht Erfurt (il-Qorti Reġjonali ta' Erfurt) b'mod korrett iddeċidiet li d-dritt tar-rikorrenti għal informazzjoni kien ristrett skont it-tieni u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni. Id-database InVeKOS ma kien fiha ebda informazzjoni marbuta ma' varjetajiet speċifiċi, bl-eċċezzjoni ta' informazzjoni relatata ma' qanneb u ħops, minħabba li l-bdiewa li japplikaw għal sussidji ma kienx ikollhom għalfejn jagħtu tali informazzjoni. Barra minn hekk, il-konvenuta ma kellhiex il-kapaċitajiet li tipprogramma tagħha stess fir-rigward tat-tfittxija speċifika ġdida li tkun meħtieġa sabiex tinġabar id-data mitluba. L-impjieg ta' persuna biex tagħti dan is-servizz u tipprogramma dak ix-xogħol jimplika spiża ta' EUR 6 000.

20. Huwa f'dan il-kuntest fattwali u legali li t-Thüringer Oberlandesgericht (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Thüringen) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel id-domandi li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1. L-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 1768/95 jagħti fil-konfront ta' l-korpi uffiċjali dritt għal informazzjoni li huwa limitat għal informazzjoni dwar speċijiet ta' pjanti meta t-talba għal informazzjoni ma tkunx titlob ukoll informazzjoni dwar varjetà protetta?

2. Fil-każ li mir-risposta għall-ewwel domanda jirriżulta li dritt għal informazzjoni ta' din in-natura jista' jiġi eżerċitat:

(a) Ikun hemm korp inkarigat mill-monitoraġġ tal-produzzjoni agrikola fis-sens tal-Artikolu 11(2) (l-ewwel inċiż) [tar-Regolament Nru 1768/95] meta l-awtorità tkun inkarigata mill-monitoraġġ tas-sussidji għall-bdiewa permezz ta' riżorsi tal-Unjoni Ewropea u żżomm, f'dan ir-rigward, data li tirrigwarda hija wkoll speċijiet (tal-pjanti) miksuba mill-bdiewa li jkunu ressqu talba?

(b) Korp uffiċjali għandu dritt jirrifjuta li jagħti l-informazzjoni mitluba meta l-għoti ta' din l-informazzjoni jkun jeżiġi li d-data li tinsab għandu tiġi pproċessata u speċifikata minn terz u dan ikun jeħtieġ spiża finanzjarja ta' madwar EUR 6 000? Huwa rilevanti li l-applikant ikun lest li jieħu r-responsabbiltà għall-ispejjeż inkorsi?"

21. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mir-rikorrenti, mill-konvenuta, mill-Gvern Spanjol u mill-Kummissjoni Ewropea. Ilkoll għamlu osservazzjonijiet fis-seduta li nżammet fil-31 ta' Jannar 2019.

## IV. Analiżi

22. Dawn il-konklużjonijiet huma strutturati kif ġej. Nibda bi kjarifiki preliminari dwar l-iskema u kif ġeneralment taħdem is-sistema ta' drittijiet Komunitarji ta' varjetà ta' pjanti, b'mod partikolari dwar id-deroga stabbilita fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament Bażiku (A). Imbagħad ngħaddi għad-domanda 1 li tittratta l-kwistjoni tat-tip ta' informazzjoni li tista' tintalab mingħand korpi uffiċjali minn min ikollu varjetajiet protetti skont l-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (B). Fl-aħħar ngħaddi għad-domanda 2 li hija dwar il-kunċett ta' "korpi uffiċjali involuti fis-sorveljar ta' produzzjoni agrikola" u dwar il-kwistjoni ta' jekk il-korpi uffiċjali kompetenti jistgħux iżommu l-informazzjoni mitluba meta, sabiex tingħata din tal-aħħar, ikun meħtieġ iktar ipproċessar; u nikkonkludi bil-kwistjoni dwar spejjeż addizzjonali potenzjali (C).

### *A. L-eżenzjoni agrikola skont l-Artikolu 14(3)tar-Regolament Bażiku*

23. L-Artikolu 13 tar-Regolament Bażiku jistabbilixxi d-drittijiet tad-detentur ta' dritt Komunitarju għal varjetà ta' pjanti. Skont l-Artikolu 13(2), bħala prinċipju, tkun meħtieġa l-awtorizzazzjoni tad-detentur għall-produzzjoni jew għar-riproduzzjoni (multiplikazzjoni) ta' kostitwenti ta' varjetà, jew ta' materjal maħsud tal-varjetà protetta (it-tnejn, iktar 'il quddiem, imsejħa "materjal").

24. L-Artikolu 14 tar-Regolament Bażiku jipprovdi deroga mir-rekwiżit li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tad-detentur (iktar 'il quddiem l-"eżenzjoni agrikola"). Skont l-Artikolu 14(1), bil-għan li titħares il-produzzjoni agrikola, il-bdiewa huma awtorizzati jużaw għal għanijiet ta' propagazzjoni fl-għalqa, fuq l-art tagħhom, il-prodott tal-ħsad li jkunu kisbu permezz taż-żergħa, fuq l-art tagħhom, ta' materjal ta' propagazzjoni ta' varjetà minbarra varjetà mħallta jew sintetika, li jkun kopert minn dritt tal-Komunità

għal pjanti. L-Artikolu 14(2) jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni għall-ispeċi ta' pjanti agrikoli elenkati hemmhekk. L-Artikolu 14(3) jipprevedi regoli ta' implimentazzjoni sabiex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet sabiex jingħata effett lil dik l-eżenzjoni agrikola. Dan jistabbilixxi wkoll il-kriterji li għandhom isegwu r-regoli kollha ta' implimentazzjoni.

25. Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, il-Kummissjoni kkonkretizzat l-eżenzjoni agrikola bil-għan li jitħarsu l-interessi leġittimi kemm ta' min ikabbar, irrappreżentat mid-detentur, kif ukoll tal-bidwi. Meta dan tal-aħħar juża l-eżenzjoni agrikola, id-detentur ikollu d-dritt jirċievi "ħlas ġust" mingħand il-bidwi. Skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, il-livell ta' ħlas ġust "jista' jkun is-suġġett ta' kuntratt bejn id-detentur u l-bidwi konċernat". Meta ma jkunx ġie ffinalizzat kuntratt bejn id-detentur u l-bidwi kkonċernat, l-Artikolu 5(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni jgħid li "il-livell ta' ħlas għandu jkun sensibbilment inqas mill-ammont mitlub għall-produzzjoni liċenzjata ta' materjal riproduttiv ta' l-inqas kategorija li jikkwalifika għal ċertifikazzjoni uffiċjali, ta' l-istess varjetà fl-istess żona".

26. Bdiewa żgħar li jużaw l-eżenzjoni agrikola ma jkollhom għalfejn jagħmlu *ebda* ħlas lid-detentur. It-tielet paragrafu tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament Bażiku jiddefinixxi bdiewa żgħar bħala bdiewa li ma jkabbrux pjanti fuq qasam ikbar mill-qasam li jkun meħtieġ sabiex jiġu prodotti 92 tunnellata ta' ċereali jew li jkunu konformi ma' kriterji xierqa komparabbli, skont l-ispeċi ta' pjanti.

27. F'sistema mfassla b'dan il-mod, huwa importanti ħafna li jkun magħruf min ikun irrikorra għall-eżenzjoni agrikola sabiex id-detenturi jkunu jistgħu jinfurzaw id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tagħhom u jirċievu l-ħlas (ġust) li huma jkunu intitolati għalih. Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni għandu għadd ta' dispożizzjonijiet li jippermettu lid-detenturi jiksbu informazzjoni mingħand diversi operaturi rilevanti. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja diġà interpretat, f'kawżi li jinvolvu wkoll lir-rikorrenti, dawk id-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' informazzjoni li għandha tingħata minn bdiewa u proċessuri[9], dan il-każ jikkonċerna speċifikament it-tip ta' informazzjoni li ċerti korpi uffiċjali għandhom jagħtu lid-detenturi.

### *B. Fuq id-domanda 1:il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tad-detenturi għal informazzjoni vis-a-vis korpi uffiċjali skont l-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni*

28. Permezz tad-domanda 1, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi dwar it-tip ta' informazzjoni li għandha tingħata, skont l-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, minn korp uffiċjali meta l-informazzjoni tintalab minn detentur: id-detentur ikun intitolat jikseb informazzjoni dwar *speċi* ta' pjanti jew biss dwar *varjetajiet* speċifiċi tad-detentur?

29. Skont ir-rikorrenti, is-sitt paragrafu tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament Bażiku, flimkien mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, jagħtu lid-detenturi dritt jiksbu informazzjoni mingħand korpi uffiċjali fir-rigward ta' speċi, mingħajr ma jkun meħtieġ li t-talba għal informazzjoni tkun relatata ma' varjetà speċifika. B'mod partikolari, detenturi jkunu intitolati jiksbu informazzjoni li tkun tidentifika "bdiewa żgħar", fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament Bażiku, li huma għalkollox eżentati mill-obbligu li jħallsu lid-detenturi. Li jkun magħruf jekk bidwi jkunx bidwi żgħir jgħin lid-detentur ma jitlobx informazzjoni u, *a fortiori*, ħlas, mingħand dawk il-bdiewa żgħar. Madankollu, ma hemmx definizzjoni ta' bdiewa żgħar innifishom b'rabta ma' varjetà speċifika, iżda b'rabta ma' wiċċ ir-raba' kkultivat b'ċerti *speċi* ta' pjanti. F'kull każ, ir-rikorrenti tissottometti li d-dmir li tingħata informazzjoni, li huwa r-responsabbiltà tal-korp uffiċjali, huwa usa' minn dak tal-bdiewa minħabba li l-Artikolu 11 ma jelenkax xi tkun l-informazzjoni "rilevanti" li jkollha tingħata.

9 Sentenzi tal-10 ta' April 2003, Schulin (C-305/00, EU:C:2003:218); tal-11 ta' Marzu 2004, Saatgut-Treuhandverwaltungsgesellschaft (C-182/01, EU:C:2004:135); tal-14 ta' Ottubru 2004, Brangewitz (C-336/02, EU:C:2004:622) u tal-15 ta' Novembru 2012, Raiffeisen-Waren-Zentrale Rhein-Main (C-56/11, EU:C:2012:713).

30. Skont il-Kummissjoni, id-dritt għal informazzjoni skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni ma huwiex limitat għal varjetajiet. Jista' jinkludi speċi sabiex jiġi aċċertat liema bdiewa huma bdiewa żgħar. Madankollu, l-iskop tat-talba għal informazzjoni għandu jkun għal varjetà. Għalhekk, detenturi ma jistgħux jagħmlu talbiet bla distinzjoni u wiesgħa għal informazzjoni lil korpi uffiċjali mingħajr ma jagħtu indikazzjonijiet dwar jekk bdiewa jkunux fil-fatt kisbu materjal ta' multiplikazzjoni ta' varjetajiet protetti. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li t-talba għal informazzjoni mingħand korpi uffiċjali ma hijiex ta' dritt pubbliku awtonomu għal aċċess għal dokumenti jew għal użu mill-ġdid ta' data tas-settur pubbliku (skont id-Direttiva 2003/98/KE [10]). Hija biss dritt privat, anċillari għar-relazzjoni bejn detenturi u bdiewa.

31. Min-naħa tagħhom, il-konvenuta u l-Gvern Spanjol isostnu li talbiet għal informazzjoni lill-korpi uffiċjali għandhom ikunu relatati ma' varjetajiet speċifiċi, kuntrarjament għal speċi. L-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, moqri fid-dawl tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament Bażiku, ma jistax jiġi invokat sabiex tinkiseb informazzjoni ġenerali dwar bdiewa.

*1. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' aċċess għal informazzjoni miżmuma għand korpi uffiċjali skont l-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni*

32. Hemm ħtieġa ta' kjarifika inizjali sa mill-bidu nett dwar ir-relazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni u tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament Bażiku, kif ukoll ta' regoli nazzjonali dwar aċċess għal informazzjoni.

33. Il-qorti tar-rinviju speċifikament titlob interpretazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' aċċess għal informazzjoni *skont l-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni*. Skont ir-rikorrenti, din id-dispożizzjoni hija bażi legali valida sabiex tinkiseb, *inter alia*, informazzjoni li biha hija jkunu jistgħu jiġu identifikati "bdiewa żgħar" li jkunu eżenti minn kwalunkwe ħlas u li, bħala konsegwenza, ma għandhomx jirċievu talbiet għal informazzjoni mingħand detenturi.

34. L-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni huwa dispożizzjoni speċifika ta' att ta' implimentazzjoni mogħti għall-eżenzjoni agrikola stabbilita fl-Artikolu14(3) tar-Regolament Bażiku. Loġikament, għalhekk, għandu jkun hemm korrelazzjoni bejn l-ambitu tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament Bażiku u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni. Iktar minn hekk, regolament ta' implimentazzjoni għandu josserva l-kamp ta' applikazzjoni u l-limiti tal-bażi li fuqha jkun ġie adottat.

35. Huwa tabilħaqq minnu li t-tielet paragrafu tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament Bażiku jsemmi, bħala eċċezzjoni għal eċċezzjoni, bdiewa żgħar. Madankollu, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni nnifsu ma huwiex dwar din il-kategorija, ċertament sa fejn ikollu x'jaqsam aċċess għal informazzjoni miżmuma mill-korpi uffiċjali. L-Artikolu 11 ma jirreferix għal bdiewa żgħar. Fir-Regolament ta' Implimentazzjoni, bdiewa żgħar jissemmew biss fl-Artikolu 7, fil-kapitolu dwar ħlas. Din id-dispożizzjoni tiddefinixxi wkoll, sabiex jiġu identifikati bdiewa żgħir, "żona fejn jitkabbru l-pjanti" fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament Bażiku [11]. Madankollu, hija ma tistabbilixxix obbligu għal bdiewa, proċessuri jew korpi uffiċjali li jagħtu informazzjoni ġenerali dwar id-daqs ta' tali żoni lil detenturi.

10 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU *Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 32, p. 701*).

11 Ara wkoll is-sitt premessa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, li tgħid li l-Kummissjoni tosserva l-effetti li d-definizzjoni ta' "bdiewa żgħar" tista' toħloq fir-rigward tal-funzjoni tal-ħlas.

36. Il-kwistjoni dwar jekk, f'kuntest bħal dan, il-kelma "speċi" inkluża fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni għandhiex tinqara fis-sens li tirreferi għat-tielet inċiż tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament Bażiku, ser tiġi eżaminata fit-taqsima li jmiss. F'dan l-istadju, hemm lok li jsiru żewġ osservazzjonijiet sistemiċi.

37. L-ewwel nett, anki jekk informazzjoni ġenerali dwar id-daqs taż-żoni kkultivati jkollha ċerta rilevanza għall-eżerċizzju tad-dritt tad-detentur għal ħlas, xorta waħda d-detentur ma jkunx jista' permezz tagħha jinforza talbiet relatati mal-varjetajiet tagħha. Il-loġika taż-żewġ regolamenti tibda bl-użu ta' varjetajiet, li għalihom l-istat ta' bidwi żgħir imbagħad ikun jikkostitwixxi tip ta' "difiża". Ma huwiex bil-maqlub. Pjuttost, għandu jiġi stabbilit, fl-ewwel lok, bħala aspett preliminari ta' informazzjoni, jekk bdiewa jkunux użaw jew kienx biħsiebhom jużaw il-prodott tal-ħsad miksub biż-żergħa ta' materjal ta' *varjetajie*t speċifiċi. L-eċċezzjoni fir-rigward ta' bdiewa żgħar, li tinsab fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 14(3), tar-Regolament Bażiku, jista' jkollha funzjoni biss wara, bħala linja ta' difiża għal dawk il-bdiewa li jkunu osservaw ir-rekwiżiti għal dak il-għan, fil-grupp ikbar ta' bdiewa li jikkultivaw il-varjetajiet protetti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament Bażiku.

38. It-tieni nett, madankollu, anki jekk ir-rabta sistemika bejn it-tielet paragrafu tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament Bażiku u l-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni ma kinitx meħtieġa bħala kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni, huwa importanti li jiġi enfasizzat li, fl-istess waqt, l-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni ma jista' bl-ebda mod jiġi interpretat bħala li b'mod eżawrjenti jkopri l-materja f'dak li jkollu x'jaqsam ma' talbiet li jista' jkun hemm għal informazzjoni lil korpi nazzjonali.

39. L-Istati Membri effettivament ma humiex miżmuma milli jagħtu aċċess għal tipi ta' informazzjoni li ma jaqgħux taħt l-Artikolu 11. Is-skiet tal-liġi tal-Unjoni dwar aċċess għal ċerta informazzjoni ma jistax jiġi interpretat bħala liġi tal-Unjoni "li tipprojbixxi aċċess", iżda anzi l-kuntrarju: sakemm il-liġi tal-Unjoni ma tipprojbixxihomx, ir-regoli *nazzjonali* residwali dwar aċċess għal informazzjoni jibqgħu japplikaw għal kull kwistjoni u għal kwistjonijiet kollha li ma jkunux koperti b'mod espliċitu mil-liġi tal-Unjoni. Il-fatt li r-Regolament ta' Implimentazzjoni m'għandux dispożizzjonijiet speċifiċi dwar aċċess għal informazzjoni li biha detentur ikun jista' jidentifika bdiewa żgħar ifisser li l-kwistjoni sempliċement taqa' taħt ir-regoli nazzjonali.

40. Fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ jidher li t-talba inizjali tar-rikorrenti kienet saret (u ġiet miċħuda) skont it-ThürIFG. Ċertament ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tikkonstata u tevalwa l-fatti fil-kawża li jkollha quddiemha jew li tinterpreta u tapplika d-dritt nazzjonali. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li talbiet għal informazzjoni li ma jkunux relatati ma' varjetajiet speċifiċi ċertament jistgħu jiġu ppreżentati — u dik l-informazzjoni tkun tista' tinkiseb — mid-detenturi abbażi tad-dritt nazzjonali, jekk dan tal-aħħar ikun jippermetti dan. Jekk l-informazzjoni li d-detenturi jkunu jixtiequ jiksbu tkun għand awtoritajiet (pubbliċi) nazzjonali u prinċipalment tkun tirrigwarda informazzjoni amministrattiva miġbura minn awtoritajiet nazzjonali, ikunu japplikaw regoli nazzjonali dwar aċċess għal informazzjoni [12].

41. Irrid nenfasizza dan il-punt sabiex nagħmilha ċara li l-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni ma jistax, fl-istess waqt, jiġi interpretat kemm strettament kif ukoll esklużivament: strettament minħabba li jiġi interpretat li ma jkunx jinkludi speċi, u esklużivament minħabba li jkun ikopri l-materja b'mod eżawrjenti, u b'hekk effettivament iżomm milli jkun hemm kull applikazzjoni simultanja ta' regoli nazzjonali dwar aċċess għal informazzjoni.

12 Ara, pereżempju, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Buccioni (C-594/16, EU:C:2018:425, punt 32).

42. Għar-raġunijiet li ser nispjega fit-taqsima li jmiss, ikolli naqbel mal-konvenuta dwar l-ewwel punt: it-talbiet għal informazzjoni li jistgħu jiġu indirizzati lil korpi uffiċjali skont l-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni jkunu tabilħaqq relatati ma' varjetajiet tad-detentur li jkun qiegħed jagħmel it-talba. Madankollu, l-esklużjoni ta' informazzjoni relatata ma' speċi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 11 neċessarjament tfisser li dak "l-ispazju" jibqa' okkupat mid-dritt nazzjonali, u detenturi interessati jkunu jistgħu jissottomettu talbiet relatati ma' speċi skont id-dritt nazzjonali.

*2. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 11 – varjetajiet jew speċi?*

43. Żewġ argumenti testwali jistgħu jissuġġerixxu li talbiet għal informazzjoni ġeneralment jirreferu għal *speċi*.

44. L-ewwel nett, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tabilħaqq issemmi espliċitament "speċi": "[t]alba għal informazzjoni dwar l-użu attwali ta' materjal, permezz ta' taħwil, ta' *speċi* jew varjetajiet speċifiċi, jew dwar ir-riżultati ta' dan l-użu, li detentur jindirizza lil xi korp uffiċjali, trid issir bil-miktub" (enfasi tiegħi).

45. It-tieni nett, skont l-ipoteżi li l-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni kien maħsub ukoll li jimplimenta t-tielet paragrafu tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament Bażiku, din id-dispożizzjoni tal-aħħar tiddefinixxi "bdiewa żgħar" fir-rigward tad-daqs tas-superfiċje fejn jiġu kkultivati *l-ispeċi* tal-pjanti elenkati fl-Artikolu 14(2).

46. Għal dawn ir-raġunijiet, ir-referenza għal "speċi" fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tista' tiġi interpretata bħala li tippermetti talbiet għal informazzjoni rigward il-wiċċ ta' art li fuqu dawk l-ispeċi jkunu ġew ikkultivati, għall-finijiet ta' identifikazzjoni ta' "bdiewa żgħar".

47. Madankollu, minbarra dawk iż-żewġ argumenti testwali, ftit li xejn hemm, f'termini ta' argument legali, sabiex tiġi sostnuta l-interpretazzjoni tal-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni rrakkomandata mir-rikorrenti. Interpretazzjoni iktar testwali. iżda fuq kollox, sistemika u bi skop, ta' dik id-dispożizzjoni, tissuġġerixxi b'mod ċar li t-talbiet għal informazzjoni li jiġu ppreżentati lil korpi uffiċjali minn detenturi suppost ikollhom x'jaqsmu ma' *varjetajiet* speċifiċi ta' pjanti speċifiċi tad-detentur li jagħmel it-talba.

48. Qabel kollox, filwaqt li nibqa' fil-livell *testwali*, it-tieni u t-tielet sentenza tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, jistabbilixxu rekwiżiti speċifiċi li għandha tissodisfa talba valida għal informazzjoni. Fost dawn ir-rekwiżiti, id-detentur għandu jispeċifika "il-varjetà jew varjetajiet li dwarhom hu interessat li jkollu informazzjoni" u "jagħti prova tad-dritt tiegħu bħala detentur" (enfasi tiegħi). Minħabba li, skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament Bażiku, ikunu biss *varjetajiet* ta' ġeneri u speċi botaniċi – u mhux speċi inġenerali – li jistgħu jkunu s-suġġett tal-hekk imsejħa drittijiet tal-Komunità għal *varjetajiet* ta' pjanti, jidher pjuttost ċar mill-Artikolu 11(1) li talbiet għal informazzjoni għandhom jitfasslu għal varjetajiet.

49. Dik il-konklużjoni hija kkonfermata wkoll mit-test tas-seba' paragrafu tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni li skontu korpi uffiċjali jistgħu jżommu milli jagħtu l-informazzjoni mitluba "jekk [...] din l-informazzjoni tirrigwarda speċifikament materjal li ma jippartjenix għall-*varjetajiet* tad-detentur" (enfasi tiegħi). Ikun xi ftit jew wisq stramb l-argument li l-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni jippermetti lil detenturi jitolbu u jiksbu informazzjoni relatata ma' speċi, filwaqt li dispożizzjonijiet sussegwenti ta' dak l-istess Artikolu 11 jippermettu li tali informazzjoni tinżamm immedjatament milli tingħata.

50. Hija ġurisprudenza stabbilita li, fl-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, ikun meħtieġ li wieħed jirrikorri mhux biss għall-kliem tagħha iżda wkoll għall-kuntest li fih tintuża, filwaqt li jitqiesu l-iskema u l-għanijiet segwiti mir-regoli li hija tkun tagħmel parti minnhom [13]. F'dan il-każ, interpretazzjoni sistemika u bi skop timmilita wkoll b'mod ċar favur talbiet għal informazzjoni dwar *varjetajiet* speċifiċi.

51. L-għan tal-eżenzjoni agrikola huwa doppju: li titħares il-produzzjoni agrikola, filwaqt li jiġi żgurat li jsir il-ħlas (ekwu) mill-bidwi lid-detentur. L-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni jisħaq dwar il-ħtieġa li jinżamm bilanċ raġonevoli bejn l-interessi tal-bidwi u l-interessi tad-detentur meta l-bidwi jkun uża l-prodott tal-ħsad li jkun ta' varjetà waħda jew iktar tad-detentur sabiex jiżra' fl-għalqa jew fl-għelieqi tar-raba' tiegħu. Isegwi mill-fatt li l-interessi tad-detentur jintlaqtu mill-użu tal-*varjetajiet* tiegħu mill-bidwi, li d-detentur ikun jeħtieġlu, sabiex iħares l-interessi tiegħu stess, informazzjoni speċifika marbuta mal-*varjetajiet* li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni agrikola, jiġifieri varjetajiet protetti, għajr varjetà ibrida jew sintetika [14], inklużi fl-ispeċi ta' pjanti elenkati fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament Bażiku.

52. Dwar l-iskema ġenerali relatata ma' informazzjoni, stabbilita kemm fir-Regolament Bażiku kif ukoll fir-Regolament ta' Implimentazzjoni, l-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni għandu jiġi eżaminat flimkien mal-Artikoli 8 u 9, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja.

53. Ma humiex biss korpi uffiċjali li għandhom jagħtu informazzjoni lid-detentur skont l-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, kif jirriżulta mis-sitt paragrafu tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament Bażiku. L-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni huwa biss wieħed mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 4. F'dan il-kapitolu, li jirrigwarda informazzjoni, l-Artikoli 8 u 9 jistabbilixxu regoli dwar l-informazzjoni li għandha tingħata lid-detentur mill-bidwi u mill-proċessur rispettivament. Iż-żewġ dispożizzjonijiet jagħmluha ċara li l-informazzjoni li għandha tingħata kemm mill-bdiewa kif ukoll mill-proċessuri tkun ukoll relatata ma' *varjetajiet*, u mhux ma' speċi. Barra minn hekk, skont l-Artikoli 8(4) u 9(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, id-detentur għandu jispeċifika, fit-talba tiegħu għal informazzjoni, "il-varjetà jew varjetajiet li hu jkun interessat f'informazzjoni dwarhom, kif ukoll ir-referenza jew referenzi għad-dritt jew drittijiet Komunitarji relevanti ta' varjetà ta' pjanti". Jekk tkun meħtieġa mill-bidwi jew mill-proċessur, "trid tingħata prova dwar min hu d-detentur".

54. Mad-daqqa ta'għajn, dawn id-dispożizzjonijiet huma diġà ċari biżżejjed sa fejn, bħala prinċipju, tkun tista' tintalab u tinkiseb biss informazzjoni relatata ma' varjetajiet mid-detentur mingħand bdiewa jew proċessuri. Il-Qorti tal-Ġustizzja saħansitra marret lil hinn minn dan billi interpretat dawn id-dispożizzjonijiet b'mod pjuttost strett fis-sentenzi tagħha fil-kawżi *Schulin* u *Brangewitz* [15].

55. Fil-kawża *Schulin*, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-detentur għandu jkun awtorizzat jitlob informazzjoni mingħand bidwi *fejn huwa jkollu xi indikazzjoni* li l-bidwi jkun irrikorra jew ser jirrikorri fuq id-deroga prevista fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament Bażiku [16] u, għalhekk, ikun uża jew ikun ser juża, għal finijiet ta' propagazzjoni fl-għalqa, fir-raba' tiegħu stess, il-prodott tal-ħsad miksub biż-żergħa, fir-raba' tiegħu stess, materjal ta' propagazzjoni ta' *varjetà* għajr varjetà ibrida jew sintetika li tkun koperta minn dak id-dritt u tkun ta' waħda mill-ispeċi ta' pjanti agrikoli elenkati fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament Bażiku [17]. Għalhekk, li l-bdiewa kollha, sempliċement għax ikunu ta'

13 Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-12 ta' Ottubru 2017, Kamin und Grill Shop (C-289/16, EU:C:2017:758, punt 22) u tad-19 ta' Ottubru 2017, Vion Livestock (C-383/16, EU:C:2017:783, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

14 Din ir-restrizzjoni tirriżulta mill-Artikolu 14(1) tar-Regolament Bażiku.

15 Sentenzi tal-10 ta' April 2003, Schulin (C-305/00, EU:C:2003:218) u tal-14 ta' Ottubru 2004, Brangewitz (C-336/02, EU:C:2004:622)

16 Sentenza tal-10 ta' April 2003 (C-305/00, EU:C:2003:218, punt 63).

17 *Ibid.*, punt 72.

dik il-professjoni, anki dawk li qatt ma jkunu żergħu materjal ta' propagazzjoni minn varjetà koperta mid-dritt Komunitarju ta' varjetà ta' pjanti ta' waħda mill-ispeċi ta' pjanti elenkati fl-Artikolu 14(2), jintalbu jagħtu lid-detentur l-informazzjoni rilevanti kollha malli dan jitlobha, imur kontra d-dritt tal-Unjoni [18].

56. Il-Qorti tal-Ġustizzja essenzjalment tat l-istess risposta rigward proċessuri fil-kawża *Brangewitz*, għalkemm b'mod kemxejn iktar miftuħ sabiex, preżumibbilment, tqis l-ispeċifiċità ta' proċessuri, mqabbla ma' bdiewa. Hija ddeċidiet li l-Artikolu 14(3) tar-Regolament Bażiku, flimkien mal-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, għandu jiġi interpretat bħala li jfisser li, jekk id-detentur ikollu xi indikazzjoni li l-fornitur tas-servizzi ta' proċessar ikun ipproċessa jew ikun biħsiebu jipproċessa l-prodott tal-ħsad miksub mill-bidwi billi jiżra' materjal ta' propagazzjoni ta' varjetà tad-detentur bla ħsara għall-privileġġ għal żergħa, il-proċessur ikun jeħtieġlu jagħti lid-detentur l-informazzjoni rilevanti relatata *mhux biss* lill-bdiewa li dwarhom id-detentur ikollu xi indikazzjoni li l-proċessur ikun ta jew ikun biħsiebu jagħti servizzi bħal dawn, *iżda wkoll* lill-bdiewa l-oħra kollha li għalihom huwa jkun ipproċessa jew ikun biħsiebu jipproċessa l-prodott tal-ħsad miksub biż-żergħa ta' materjal ta' propagazzjoni tal-varjetà inkwistjoni, jekk dik il-varjetà tkun ġiet iddikjarata jew xorta oħra tkun magħrufa minnu [19].

57. F'dan l-isfond, huwa pjuttost diffiċli wieħed jifhem għaliex korpi uffiċjali, fl-operazzjoni tal-istess sistema, għandhom ikunu suġġetti għal obbligu wisq usa' li jagħtu informazzjoni, li saħansitra tkun differenti minnha nnifisha (fir-rigward tat-tip ta' informazzjoni li jkollha tingħata).

58. Dan huwa partikolarment il-każ għal raġuni sistemika sinjifikattiva: fl-iskema ġenerali stabbilita mir-Regolament Bażiku u mir-Regolament ta' Implimentazzjoni, il-kompitu li tiġi pprovduta l-informazzjoni rilevant lil detenturi sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal ħlas, ma jidhirx li huwa prinċipalment ta' korpi uffiċjali [20].

59. L-ewwel nett, il-ħames u s-sitt inċiż tal-Artikolu 14(3) jidher li joħolqu ġerarkija bejn id-destinatarji tat-talbiet ta' detenturi għal informazzjoni. Din id-dispożizzjoni tgħid, f'termini pjuttost kategoriċi, li s-sorveljanza tal-aderenza mar-regoli tal-eżenzjoni agrikola għandha tkun kwistjoni ta' responsabbiltà esklużiva tad-detenturi u li huma jistgħu ma jipprovdux għajnuna minn korpi uffiċjali. Id-detenturi għandhom jiksbu informazzjoni prinċipalment mingħand bdiewa u fornituri ta' servizzi ta' proċessar, u sekondarjament mingħand korpi uffiċjali [21].

60. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà enfasizzat li, minħabba li r-Regolament Nru 1768/95 huwa regolament ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi kundizzjonijiet sabiex jagħti effett lid-deroga prevista fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament Bażiku, id-dispożizzjonijiet tiegħu ma jistgħux jimponu obbligi iktar estensivi minn dawk tar-Regolament Bażiku [22].

61. Il-problema bl-aċċettazzjoni tal-interpretazzjoni proposta mir-rikorrenti (u wkoll parzjalment mill-Kummissjoni) hija li jkun ifisser li l-loġika u s-sistema tar-Regolament Bażiku jinqalbu ta' taħt fuq b'interpretazzjoni espansjonista ħafna tar-Regolament ta' Implimentazzjoni: l-awtoritajiet uffiċjali mbagħad effettivament isiru l-ewwel post awtomatiku għal kull talba għal informazzjoni, kemm dik relatata ma' varjetajiet kif ukoll ma' speċi. Kif ser jiġi diskuss fit-taqsima li jmiss ta' dawn

18 *Ibid*. Punt 57

19 Sentenza tal-14 ta' Ottubru 2004 (C-336/02, EU:C:2004:622, punti 65 sa 66)

20 Iżda mhux biss hawnhekk – l-istess loġika hija repetuta u enfasizzata fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni.

21 Minn dawn id-dispożizzjonijiet isegwi wkoll li filwaqt li, ġeneralment, informazzjoni rilevanti *għandha* tkun ipprovduta minn bdiewa u proċessuri, hija tista' tkun ipprovduta minn ċerti korpi uffiċjali, bla ħsara għal numru ta' kundizzjonijiet.

22 Din id-dikjarazzjoni saret fis-sentenza tal-10 ta' April 2003, Schulin (C-305/00, EU:C:2003:218, punt 60), fir-rigward ta' bdiewa, u fis-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2004, Brangwitz (C-336/02, EU:C:2004:622, punt 48), fir-rigward ta' proċessuri.

il-konklużjonijiet, ma niċħadx li tali approċċ jista' jagħmel sens, jiġifieri li jtaffi l-piż amministrattiv minn fuq bdiewa individwali u jnaqqas ix-xogħol ta' dokumentazzjoni għal kull min ikun ikkonċernat. Madankollu, ħadd ma jista' jostor il-fatt li sforz bħal dan bilkemm jista' jiġi ttrattat bħala kwistjoni ta' interpretazzjoni sempliċi ta' dispożizzjoni distinta tar-Regolament ta' Implimentazzjoni.

62. It-tieni nett, meta mqabbel mal-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, l-Artikolu 11 jidher li għandu kamp ta' applikazzjoni iktar ristrett minħabba li t-tieni paragrafu tiegħu jistabbilixxi diversi eċċezzjonijiet għall-obbligu ta' korpi uffiċjali li jagħtu informazzjoni, bl-ambitu potenzjali ta' wħud minn dawk l-eċċezzjonijiet ikun wiesa' ħafna. B'mod partikolari, it-tieni u t-tielet inċiż tal-Artikolu 11(2) jirreferu għad-dritt nazzjonali b'mod tassew ġenerali: korpi uffiċjali jistgħu sempliċement ma jagħtux l-informazzjoni mitluba jekk id-dritt nazzjonali li jirregola d-diskrezzjoni applikabbli f'dak li jkollu x'jaqsam ma' attivitajiet ta' korpi uffiċjali jipprekludiha. Isegwi li l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu ta' korpi uffiċjali li jagħtu informazzjoni jkun jidher li jkun iktar strett meta mqabbel ma' dak ta' bdiewa jew ta' proċessuri. Għalhekk, għal darba oħra f'termini sistemiċi, ikun diffiċli jiġi interpretat il-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu li tingħata informazzjoni, li hija r-responsabbiltà ta' korpi uffiċjali, b'mod iktar espansiv mill-obbligu korrispondenti ta' bdiewa u proċessuri.

63. Minn dan isegwi li, kif inhi l-leġiżlazzjoni attwali tal-Unjoni, l-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni għandu jiġi interpretat bħala li jitlob li talbiet għal informazzjoni lil korpi uffiċjali jkunu fformulati b'referenza għal *varjetajiet* protetti speċifiċi tad-detentur inkwistjoni. Madankollu, din id-dispożizzjoni ma tipprekludix lill-Istati Membri milli jipprovdu għal aċċess għal informazzjoni mingħand korpi uffiċjali dwar *speċi* skont leġiżlazzjoni nazzjonali dwar aċċess għal informazzjoni.

### *3. L-operazzjoni u l-operabbiltà tas-sistema*

64. Fil-fehma tiegħi, l-aħjar argumenti ppreżentati mir-rikorrenti, u sa ċertu punt ukoll mill-Kummissjoni, favur li tkun inkluża l-informazzjoni dwar speċi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, huma ta' natura mhux legali. Dawn jikkonċernaw l-operazzjoni prattika (jew, pjuttost, in-nuqqas ta' operazzjoni) tas-sistema stabbilita mir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

65. Ir-rikorrenti ssostni li l-għoti minn korpi uffiċjali ta' informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni ta' bdiewa żgħar tagħmel il-proċedura għall-eżerċizzju tad-dritt għal ħlas iktar effiċjenti u ta' inqas piż u spejjeż għall-partijiet kollha kkonċernati. Min-naħa tagħha, meta ssuġġerixxiet interpretazzjoni li tippermetti wkoll li jiddaħħlu speċi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 11, il-Kummissjoni rrikonoxxiet fis-seduta li r-Regolament ta' Implimentazzjoni huwa parti qadima ta' leġiżlazzjoni sussidjarja, li impliċitament jeħtiġilha aġġornament (interpretattiv).

66. Id-diskussjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub u fis-seduta kkonfermat li l-operazzjoni tal-eżenzjoni agrikola fil-prattika hija tassew kumplessa.

67. Meta jsir użu minn din l-eżenzjoni, sabiex titħares il-produzzjoni agrikola (jiġifieri, l-interessi tal-bdiewa), jidher kemxejn diffiċli, fil-prattika, li jkun żgurat li d-detenturi jirċievu ħlas (ekwu) li huma intitolati għalih (jiġifieri, l-interessi tad-detenturi, li jirrappreżentaw lil dawk li jrabbu). Informazzjoni, li hija tal-ikbar importanza għal dak l-għan, tidher li hija diffiċli tinkiseb minħabba s-sistema proċedurali stabbilita minn dawn it-testi, kif interpretati mill-ġurisprudenza[23]. Din il-konklużjoni tidher li hija iktar iġġustifikata meta mqabbla mas-sitwazzjoni "normali", jiġifieri meta

23 Għandu jiġi nnotat li l-Qorti tal-Ġustizzja espressament saħqet fil-kawża Schulin dwar "id-diffikultà li għandu d-detentur li jinvoka d-dritt tiegħu għal informazzjoni, minħabba l-fatt li […] eżami ta' pjanta ma jiżvelax jekk din tkunx inkisbet bl-użu tal-prodott tal-ħsad jew bix-xiri ta' żrieragħ". Sentenza tal-10 ta' April 2003 (C-305/00, EU:C:2003:218, punt 63).

bdiewa li ma jkunux jistgħu jirrikorru għall-eżenzjoni agrikola jużaw varjetajiet protetti. F'dak ix-xenarju, ikun eħfef għad-detenturi li jinfurzaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tagħhom minħabba li tkun meħtieġa l-awtorizzazzjoni tagħhom, sabiex detenturi jiksbu *ex ante* l-informazzjoni meħtieġa dwar l-użu ta' varjetajiet protetti.

68. Għandu jitfakkar li, bis-saħħa tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, "[l]-interessi leġittimi [tad-detentur u tal-bidwi] ma' [jitqisux] imħarsa jekk wieħed jew iktar minn dawn l-interessi huma affettwati ħażin mingħajr ma jittieħed kont tal-bżonn illi jinżamm [bilanċ] ġust bejn kull wieħed minnhom". Madankollu, l-effett tal-kawżi *Schulin* u *Brandewitz* flimkien, fil-verità, jagħmilha pjuttost ta' sfida tinkiseb informazzjoni minn bdiewa (jew minn proċessuri). Kif ġie spjegat iktar 'il fuq [24], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-detentur għandu jkun awtorizzat jitlob informazzjoni mingħand bidwi meta huwa jkollu *xi indikazzjoni* li dan tal-aħħar kien irrikorra jew ikun ser jirrikorri għad-deroga prevista fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament Bażiku [25]. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet tgħid li "għandu jkun possibbli għad-detentur li jagħmel arranġamenti biex ikun jaf l-isem u l-indirizz tal-bdiewa li jixtru materjal ta' propagazzjoni ta' waħda mill-varjetajiet ta' pjanti protetti tiegħu, tkun kemm tkun twila l-katina ta' distribuzzjoni bejn id-detentur u l-bidwi." [26] U, "iktar minn hekk, jekk jinvoka t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament Nru 2100/94, id-detentur jista' jitlob lid-distributuri tiegħu jirreġistraw l-ismijiet u l-indirizzi ta' bdiewa li jixtru materjal ta' propagazzjoni ta' waħda mill-varjetajiet tal-pjanti tiegħu" [27].

69. Madankollu, ir-rikorrenti b'mod pjuttost konvinċenti spjegat fis-seduta, mingħajr ma kienet kontradetta minn ebda parteċipant ieħor, għalfejn il-fatt li wieħed jibbaża ruħu fuq distributuri ma hijiex verament għażla sabiex ikunu ġġustifikati d-drittijiet ta' detenturi. Allegatament ma hemm l-ebda katina ta' distribuzzjoni bħal din minħabba li d-detenturi rrappreżentati mir-rikorrenti ma jqassmux iż-żrieragħ tagħhom iżda jagħtu liċenzji ta' produzzjoni u distribuzzjoni. Għalhekk, żrieragħ fil-fatt jitqiegħdu fis-suq minn impriżi oħra, sitwazzjoni li toħloq żewġ problemi differenti. L-ewwel nett, dawk l-impriżi ma jkunux ħerqana jagħtu l-ismijiet tal-klijenti tagħhom għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità. It-tieni nett, li impriżi jintalbu jibqgħu lura fil-katina tad-distribuzzjoni milli jiżvelaw l-ismijiet tal-klijenti tagħhom tista' wkoll toħloq problemi fir-rigward tad-dritt tal-kompetizzjoni.

70. Minn dan isegwi li, fin-nuqqas ta' kuntratt bejn il-bidwi (jew il-proċessur) u d-detentur li jiddefinixxi l-informazzjoni rilevanti li jkollha tingħata minn tal-ewwel lil tal-aħħar, kif previst fl-Artikoli 8(1) u 9(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, ma jidhirx li tkun ħaġa ħafifa ħafna fil-prattika li d-detentur jikseb informazzjoni mingħand bdiewa jew proċessuri.

71. Huwa f'dan il-kuntest prattiku li r-rikorrenti essenzjalment tissottometti li l-operazzjoni tas-sistema bħalissa toħloq problemi u li, jekk aċċess għal informazzjoni mingħand korpi uffiċjali skont l-Artikolu 11 kellu jiġi interpretat b'mod wiesa', id-dokumentazzjoni ġenerali u l-ispejjeż tax-xogħol għal kull min huwa kkonċernat jonqsu.

72. Bħala kwistjoni ta' abbozzar leġiżlattiv ikolli simpatija personali ħafna għal approċċ bħal dan. Kull miżura li jkollha l-għan li teħles lill-individwu mill-piż li jkollu jagħti informazzjoni li tkun diġà għand l-awtorità pubblika għandha, bħala prinċipju, tintlaqa' tajjeb.

24 Ara l-punti 55 sa 56 ta' dawn il-konklużjonijiet.

25 Sentenza tal-10 ta' April 2003, Schulin (C-305/00, EU:C:2003:218, punt 63).

26 *Ibid.* punt 66.

27 *Ibid.* Punt 68. Artikolu 13(2)(c) u (d) tar-Regolament Bażiku jipprovdi speċjalment li l-awtorizzazzjoni tad-detentur hija meħtieġa għall-finijiet tal-offerta tal-bejgħ, tal-bejgħ jew ta' kull forma ta' kummerċjalizzazzjoni oħra.

73. Madankollu, il-problema tinsab preċiżament hemmhekk: dak li ir-rikorrenti qiegħda tipproponi jmur sew lil hinn minn kull ma normalment jista' jitqies bħala interpretazzjoni ta' dispożizzjoni legali. Tali interpretazzjoni tbiddel is-sistema u l-loġika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, filwaqt li tqiegħdhom kontra l-loġika tar-Regolament Bażiku[28]. Intervent ġudizzjarju bħal dak jipproduċi minnufih inkonsistenzi loġiċi mal-firxa kollha tal-leġiżlazzjoni[29].

74. Barra minn hekk, intervent "interpretattiv" iżolat bħal dan jista' wkoll joħloq għadd ta' kwistjonijiet ġodda tiegħu stess. Meta tiġi rċevuta iktar informazzjoni ġenerali preżumibbilment dwar firxa wiesgħa ta' bdiewa (tal-inqas dawk kollha li jikkultivaw l-ispeċi elenkati fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament Bażiku — jew forsi anki speċi oħra), inklużi bdiewa li qatt ma użaw jew kienu biħsiebhom jużaw varjetajiet protetti skont l-Artikolu 14(1), ma jistax ma jittiħidx inkunsiderazzjoni l-fatt li d-detenturi jingħataw aċċess għal informazzjoni li tkun tmur ferm lil hinn mill-iskop ta' dak meħtieġ sabiex jitħarsu drittijiet ta' proprjetà intellettwali tad-detenturi. Tali informazzjoni tista' potenzjalment tintuża għal għadd ta' għanijiet kummerċjali oħra, li jkunu tassew 'il bogħod mill-ħarsien tad-drittijiet tad-detenturi għal ħlas – jew saħansitra għalkollox mhux konnessi miegħu — *vis-a-vis* klijenti attwali.

75. Għalhekk, korpi uffiċjali ma jistgħux, abbażi tad-dritt tal-Unjoni kif fis-seħħ bħalissa, isiru awtomatikament il-fornituri ewlenin ta' informazzjoni f'sistema li tiddependi minn bdiewa u proċessuri u li fiha l-konformità tkun kwistjoni ta' responsabbiltà esklużiva ta' detenturi, kif jirriżulta b'mod ċar mill-ħames u s-sitt inċiż tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament Bażiku.

76. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, jekk il-problemi deskritti fil-qosor f'din it-taqsima tabilħaqq għandhom xi bażi fir-realtà, huwa għall-Kummissjoni, li dehret li rrikonoxxiet fis-seduta l-karattru kemxejn antikwat tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni attwali tal-liġi tal-Unjoni, li tmur lura fuq il-lant tax-xogħol u tfassal sistema ġdida[30]. Huwa kemxejn stramb li dik ir-responsabbiltà tingħata lil din il-Qorti tal-Ġustizzja speċjalment f'kuntest leġiżlattiv bħal dan tal-lum, fejn anki intervent ġudizzjarju bi ħsieb tajjeb b'rabta ma' dispożizzjoni distinta, mingħajr ma jibdel il-loġika ġenerali tas-sistema, aktarx joħloq iktar problemi milli soluzzjonijiet[31].

## *C. Fuq id-domanda 2*

77. Id-domanda 2 tinqasam f'żewġ partijiet. Fl-ewwel parti, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar id-definizzjoni ta' "korp [uffiċjali] inkarigat mill-monitoraġġ tal-produzzjoni agrikola", fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni. Fit-tieni parti, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk korp uffiċjali bħal dan jistax jirrifjuta li jagħti l-informazzjoni mitluba meta l-għoti ta' tali informazzjoni jkun ifisser spiża għal dak il-korp, li d-detentur, madankollu, jkun lest iħallas.

78. Minkejja r-risposta negattiva li jiena pproponejt fir-rigward tad-domanda 1 li trendi inutli risposta għad-domanda 2, xorta waħda ser nindirizza ż-żewġ domandi tal-qorti tar-rinviju li hemm fid-domanda 2, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li tieħu triq oħra dwar kif għandhom jiġu fformulati talbiet għal informazzjoni skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni. Barra minn hekk, minħabba li xejn ma jżomm lir-rikorrenti, jew lil kull detentur ieħor ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali, milli jagħmlu talba oħra skont l-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni f'kull waqt, nissuġġerixxi wkoll li dawk id-domandi jkunu ta' rilevanza ġenerali u prattika u jkun jisthoqqilhom risposta mill-Qorti tal-Ġustizzja.

28 Iktar 'il fuq, punt 61.

29 Fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni nnifsu, iżda wkoll f'dispożizzjonijiet oħra tiegħu – ara iktar 'il fuq, punti 51 sa 62.

30 B'mod ġenerali, dwar l-obbligu tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jżomm lilu nnifsu aġġornat dwar il-kuntest soċjali u ekonomiku li jkun qiegħed jevolvi (jew jaffaċċja l-konsegwenza li l-leġiżlazzjoni tiegħu tkun ikkontestata dwar il-validità tagħha); ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Confédération paysanne *et* (C-528/16, EU:C:2018:20, punt 139) u fil-kawża Lietuvos Respublikos Seimas (C-2/18, EU:C:2019:180, punt 99).

31 B'mod simili, ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Schrems (C-498/16, EU:C:2017:863, punt 123).

*1. Fuq id-domanda 2(a):min jikkwalifika bħala "korp uffiċjali inkarigat mill-monitoraġġ tal-produzzjoni agrikola"?*

79. Skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, korp uffiċjali jista' jżomm informazzjoni "jekk [...] mhuwiex involut fil-monitoraġġ ta' produzzjoni agrikola". Tkun awtorità pubblika, bħal dik f'dan il-każ, li tkun fdata bix-xogħol li tagħmel monitoraġġ tal-għoti ta' sussidji lil bdiewa, korp uffiċjali "inkarigat mill-monitoraġġ tal-produzzjoni agrikola"?

80. Ir-rikorrenti u l-Kummissjoni b'mod ġenerali jikkondividu l-istess fehma, għalkemm għal raġunijiet ftit differenti. Ir-rikorrenti ssostni li korp responsabbli għas-sussidji agrikoli tal-Unjoni jkun korp uffiċjali involut fi produzzjoni agrikola minħabba li, sabiex tkun eżaminata l-legalità tas-sussidji, ikun meħtieġ monitoraġġ tal-produzzjoni agrikola. Il-Kummissjoni tissottometti li interpretazzjoni wiesgħa ta' dan il-kunċett tkun iġġustifikata sabiex ikun effettiv id-dritt għal informazzjoni. Hija għandha tinkludi kull korp uffiċjali li jkollu informazzjoni dwar produzzjoni agrikola, inklużi awtoritajiet kompetenti li jħallsu s-sussidji.

81. Ir-rikorrenti u l-Gvern Spanjol huma tal-fehma opposta. Awtorità pubblika responsabbli għas-sussidji tal-Unjoni ma hijiex implikata fil-monitoraġġ tal-produzzjoni ta' pjanti. Il-mod kif jingħataw sussidji tal-Unjoni jobbliga lil din l-awtorità tikseb ċerta data relatata ma' varjetajiet dwar bdiewa li japplikaw għal sussidji bħal dawn sabiex tiddetermina jekk dawn il-varjetajiet ikunux tal-katalgu komuni tal-Unjoni ta' varjetajiet ta' pjanti. Madankollu, l-awtorità pubblika ma jkollhiex għalfejn tivverifika jekk dawk il-varjetajiet ikunux varjetajiet protetti u min ikunu d-detenturi tagħhom. Din l-informazzjoni ma tkunx rilevanti għal din l-awtorità biex twettaq ix-xogħol tagħha.

82. Ċertament, awtoritajiet pubbliċi li jimmonitorjaw sussidji tal-Unjoni strettament ma jkunux implikati fi produzzjoni agrikola. Hemm, madankollu, ftit li xejn dubju f'moħħi li, b'kull interpretazzjoni raġonevoli ta' dik l-espressjoni, awtoritajiet bħal dawk ikunu b'mod ċar involuti *fil-monitoraġġ* ta' produzzjoni agrikola.

83. L-ewwel nett, anki jekk ma jkunux involuti fi produzzjoni agrikola, awtoritajiet pubbliċi li jimmonitorjaw sussidji tal-Unjoni jimmonitorjaw dik il-produzzjoni minħabba li sussidji tal-Unjoni jitfasslu apposta f'dak li għandu x'jaqsam ma' kamp ta' applikazzjoni u ammont għal attivitajiet ta' produzzjoni ta' bdiewa[32]. Awtoritajiet bħal dawn, għalhekk, ċertament ikunu implikati fil-monitoraġġ ta' produzzjoni agrikola, minkejja li ma jkollhomx "kontroll" tal-produzzjoni fis-sens ta' ekonomija ppjanata b'mod ċentrali billi jiddeċiedu, pereżempju, jekk u f'liema livell il-produzzjoni għandu jkollha limitu massimu.

84. Jekk awtoritajiet pubbliċi bħal dawn ikollhomx għad-dispożizzjoni tagħhom, fl-attivitajiet ta' monitoraġġ ġenerali tagħhom, it-tip eżatt ta' informazzjoni mitluba mir-rikorrenti huwa naturalment rilevanti. Madankollu, din hija kwistjoni differenti. Awtorità pubblika tista' tkun inkarigata, b'mod ġenerali, li tagħmel monitoraġġ ta' produzzjoni agrikola, anki jekk dak il-monitoraġġ ma jkollux x'jaqsam ma' tip ta' informazzjoni speċifika ħafna. Minkejja dan, fis-seduta ntqal li l-konvenuta *fil-fatt* għandha ċerta data rilevanti dwar varjetajiet.

85. It-tieni nett, l-Artikolu 11(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni diġà għandu diversi — pjuttost miktuba b'mod ġenerali — eċċezzjonijiet[33] għall-obbligu ta' għoti ta' informazzjoni li jippermettu lil korpi uffiċjali jżommu milli jagħtu l-informazzjoni mitluba. Madankollu, dawn l-eċċezzjonijiet għandhom jiġu interpretati b'mod strett sabiex tkun iggarantita kull effettività residwali tar-regola.

32 Aġenziji ta' ħlas, li huma responsabbli għall-immaniġġar u l-kontroll ta' fondi agrikoli, għandu jkollhom sistema ta' kontrolli interni li tipprovdi biżżejjed garanziji li ħlasijiet ikunu legali u regolari. Din is-sistema integrata għandha tinkludi database kompjuterizzata, sistema ta' identifikazzjoni għall-ħbula agrikoli, applikazzjonijiet għal għajnuna u sistema integrata ta' kontroll. Fir-rigward ta' din tal-aħħar, għandhom isiru verifiki ta' applikazzjonijiet għal għajnuna sabiex jiġu vverifikati l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà għall-għajnuna. Ara, b'mod partikolari, l-Artikoli 59, 67, 68 u 74 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

33 Ara iktar 'il fuq il-punti 8 u 62.

Interpretazzjoni eċċessivament stretta tal-kunċett ta' "korp uffiċjali inkarigat mill-monitoraġġ tal-produzzjoni agrikola", bħal meta l-monitoraġġ ikun limitat biss għal dawk il-korpi li jkunu ġew stabbiliti purament biex jimplimentaw l-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, tagħmilha prattikament impossibbli għal kull amministrazzjoni li tiġi kkaratterizzata bħala "korp uffiċjali inkarigat mill-monitoraġġ tal-produzzjoni agrikola" [34]. Dak il-kunċett għandu, għalhekk, jiġi interpretat b'mod raġonevoli li jiggarantixxi l-effettività tad-dritt tad-detentur li jikseb (ċerta) informazzjoni mingħand korpi uffiċjali [35].

86. Minn dan isegwi li awtorità pubblika responsabbli għall-monitoraġġ tal-għoti ta' sussidji tal-Unjoni tkun korp uffiċjali inkarigat mill-monitoraġġ tal-produzzjoni agrikola. Għalhekk, tali korp ma jistax juża l-eċċezzjoni għall-obbligu li jagħti informazzjoni stabbilita fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni.

*2. Fuq id-domanda 2(b): spejjeż addizzjonali*

87. Permezz tad-domanda 2(b) il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tintalab tiddetermina l-kundizzjonijiet li skonthom korp uffiċjali jista' jżomm l-informazzjoni mitluba meta l-ipproċessar ta' dik l-informazzjoni jkun jinvolvi spejjeż addizzjonali għal dak il-korp. Barra minn hekk, il-fatt li d-detentur, bħala l-awtur tat-talba għal informazzjoni, ikun lest iħallas dawk l-ispejjeż, għandu xi sinjifikat għal dik ir-risposta?

88. Skont ir-rikorrenti u l-Kummissjoni, għandu jkun hemm distinzjoni bejn il-kisba tal-informazzjoni u l-ipproċessar tagħha: korp uffiċjali jista' jżomm milli jagħti informazzjoni biss jekk il-kisba, mhux bħall-ipproċessar, ta' dik l-informazzjoni toħloq spejjeż addizzjonali. F'dan il-każ, ma hemmx dubju li l-korp uffiċjali *rċieva* informazzjoni mingħajr spejjeż addizzjonali. F'kull każ, ir-rikorrenti u l-Kummissjoni jissottomettu li l-korp uffiċjali ma jistax jirrifjuta jagħti informazzjoni jekk il-persuna li titlob l-informazzjoni tkun lesta li tagħmel tajjeb għal dawk l-ispejjeż.

89. Il-konvenuta u l-Gvern Spanjol jissottomettu li l-isforz żejjed li t-tfittxija tkun tinvolvi għall-korp uffiċjali jħalli impatt fuq l-organizzazzjoni u t-tmexxija tiegħu u jkun jista' jolqot ukoll il-mod kif huwa normalment jagħmel xogħlu. Għalkemm l-informazzjoni mitluba mid-detentur tkun disponibbli fid-database tal-konvenuta, ikollha tiġi stabbilita funzjoni speċjali ta' tiftix sabiex dik l-informazzjoni tiġi estratta mid-database. Il-konvenuta ssostni li hija ma għandhiex il-kapaċitajiet ta' pprogrammar tagħha stess sabiex twettaq it-tiftixa meħtieġa biex tiġbor id-data mitluba. Għal dak l-għan, hija tkun teħtieġ is-servizzi ta' fornitur estern. L-ispiża stmata tkun ta' madwar EUR 6 000.

90. Fil-fehma tiegħi, fl-aħħar mill-aħħar huwa għall-qorti tar-rinviju li tirrispondi għal din id-domanda pjuttost fattwali u tiddetermina jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, l-ipproċessar meħtieġ tad-data, li tkun diġà disponibbli, ikunx jinvolvi xogħol addizzjonali tant kunsiderevoli li l-korp uffiċjali ma jkunx jista' jkun mistenni jwettqu. Madankollu, ser nagħti gwida ġenerali iktar 'il quddiem [36].

91. L-ewwel nett, il-ħames u s-sitt inċiż tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni jgħidu li l-korp uffiċjali jista' jżomm l-informazzjoni mitluba jekk "din l-informazzjoni ma' tistax tiġi akkwistata permezz ta' twettiq ordinarju tax-xogħol tal-korp uffiċjali" jew jekk "din l-informazzjoni tista' tinkiseb biss jekk ikun hemm xogħol jew spejjeż żejda".

34 Dan ukoll peress li mid-diskussjoni fis-seduta rriżulta li, minħabba li l-monitoraġġ awtomatiku bażiku, kemm skont ir-Regolament Bażiku kif ukoll ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, kien ġie fdat lid-detentur, ma kien ġie stabbilit ebda netwerk speċjali ta' awtoritajiet nazzjonali maħtura.

35 Is-saħħa tar-regola li tipprovdi li l-korpi uffiċjali għandhom jipprovdu informazzjoni mitlub legalment hija enfasizzata wkoll bl-Artikolu 11(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, li jistabbilixxi d-dmir ta' motivazzjoni, bil-miktub, għal rifjut li jingħata aċċess għall-informazzjoni mitluba.

36 Naturalment, bla ħsara għal dak li s-segwenti jkun rilevanti biss jekk it-talba oriġinali taqa' taħt l-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni. Skont dak li ġie ssuġġerit iktar 'il fuq, fil-punti 38 sa 42 ta' dawn il-konklużjonijiet, li kieku talba lill-awtorità nazzjonali amministrattiva tiġi fformulata li tikkonċerna speċi, ikun japplika d-dritt nazzjonali u l-prinċipji tiegħu dwar l-aċċess u l-ispejjeż addizzjonali.

92. Il-konvenuta rrikonoxxiet fis-seduta li l-informazzjoni mitluba kienet *disponibbli* fid-database, għalkemm ma setgħetx *iġġibha lura* mingħajr l-għajnuna ta’ fornitur ieħor ta’ servizzi. Sitwazzjoni bħal din taqa’ f’waħda miż-żewġ eċċezzjonijiet imsemmija iktar ’il fuq?

93. Għalkemm nirrikonoxxi s-sinjifikat tad-distinzjoni bejn *kisba* u *pproċessar* ta’ informazzjoni fil-kuntest ta’ dokumenti stampati, kif indikaw ġustament il-konvenuta u l-Kummissjoni, miniex konvint għalkollox li din id-distinzjoni hija ta’ għajnuna analitika kbira fil-kuntest ta’ databases elettroniċi. Kull database jew sett ta’ data elettroniċi kbar aktarx li jkunu minjiera (potenzjalment illimitata) ta’ informazzjoni. Tkun il-ħtieġa li tinħareġ l-informazzjoni minn dawk is-sorsi b’mod strutturat u utli li tippreżenta l-problema u l-piż reali fil-prattika[37].

94. Bla dubju, kull talba għal informazzjoni teħtieġ li jsir xi xogħol min-naħa tal-persuna li jkollha jew li aktarx ikollha l-informazzjoni. Madankollu, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-ġurisprudenza tagħha dwar aċċess għal dokumenti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, fl-interessi ta’ amministrazzjoni tajba, l-ammont ta’ xogħol involut fl-ipproċessar ta’ talbiet għal aċċess għal dokumenti ma għandux ikun *sproporzjonat*[38].

95. Għalhekk, minflok ma wieħed joqgħod jikkonċentra fuq id-distinzjoni bejn il-kisba u l-ipproċessar ta’ dokument, jista’ jkun iktar utli, fil-kuntest tal-kisba ta’ informazzjoni minn databases jew settijiet ta’ data elettroniċi, li jitqies l-ammont globali ta’ xogħol addizzjonali meħtieġ. Talba għal informazzjoni ma tistax tiġi rrifjutata biss minħabba li tkun tinvolvi xogħol addizzjonali. It-test huwa pjuttost *kemm* ikun meħtieġ xogħol addizzjonali u meta dak ix-xogħol addizzjonali jsir *sproporzjonat.*

96. F’dan il-każ, kif qalu r-rikorrenti u l-Kummissjoni, l-informazzjoni diġà hija disponibbli fid-database. Barra minn hekk, minħabba li ebda korp uffiċjali ma huwa speċifikament inkarigat mill-ġbir ta’ informazzjoni dwar l-użu ta’ varjetajiet protetti, anki jekk għal skop ieħor, id-dritt għal informazzjoni jittiħidlu l-mertu tiegħu jekk l-informazzjoni tiġi miċħuda minħabba spejjeż ta’ pproċessar ta’ dik l-informazzjoni.

97. Dawn iż-żewġ kunsiderazzjonijiet huma ta’ ċertu piż, l-iktar fil-kuntest speċifiku ta’ databases elettroniċi. Skont kemm tkun strutturata u organizzata internament, ħafna informazzjoni tista’ tinkiseb minn database elettronika, sikwit bl-inqas sforz. L-istess bħal meta wieħed iħares f’kalejdoskopju, rotazzjoni żgħira (kmand jew klikk) tista’ tbiddel kompletament l-istampa[39]. F’dan il-kuntest, kull tip ta’ informazzjoni tista’ tiġi estratta b’mod iktar faċli u aċċessata relattivament bi sforz żgħir, filwaqt li, ċertament, talbiet individwali ma jistgħux jitħallew jibdlu l-awtorità f’aġenzija ta’ riċerka għal għanijiet privati.

98. Għalhekk jeħtieġ tkun applikata regola raġonevoli u proporzjonata meta jkun hemm lok li jiġi deċiż jekk l-awtorità għandhiex tagħti aċċess għad-data mitluba minkejja l-fatt li jkun meħtieġ ipproċessar ta’ dik id-data. F’dan il-kuntest ġenerali, huwa għall-qorti tar-rinviju li tevalwa, fiċ-ċirkustanzi ta’ dan il-każ, jekk sabiex tinġieb lura l-informazzjoni mitluba jkunx meħtieġ kunsiderevolment xogħol addizzjonali li ma jkunx raġonevolment jista’ jsir mill-awtorità.

37 Ara l-konklużjonijiet tiegħi tal-11 ta’ Jannar 2017 fil-kawża Typke vs Il-Kummissjoni (C-491/15 P, EU:C:2017:5, punt 34). Fi kliem ieħor, fil-kuntest ta’ tali databases elettroniċi jew ta’ settijiet ta’ data, il-biċċa l-kbira tal-piż aktarx ikun relatat mal-ipproċessar. L-informazzjoni tkun effettivament disponibbli iżda, mingħajr strutturar u inkwadrar xierqa, tkun fil-fatt inutli.

38 Ara, pereżempju, is-sentenza tat-2 ta’ Ottubru 2014, Strack vs Il-Kummissjoni (C-127/13 P, EU:C:2014:2250, punti 27 sa 28). Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi f’Typke vs Il-Kummissjoni (C-491/15 P, EU:C:2016:711, punt 41).

39 Ara l-konklużjonijiet tiegħi f’Typke vs Il-Kummissjoni (C-491/15 P, EU:C:2016:711, punti 45 sa 46).

99. Finalment, dwar l-offerta tar-rikorrenti li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż żejda sabiex tinġieb lura l-informazzjoni mitluba mid-database, għandu jiġi nnotat mill-bidu nett li din il-kwistjoni hija distinta minn jekk għandux jingħata aċċess għall-informazzjoni. L-ispejjeż jitqiesu b'mod differenti minn aċċess. Id-deċiżjoni li jingħata jew li jiġi rrifjutat aċċess għal informazzjoni ma tiddependix minn jekk persuna tiddikjarax li hija nnifisha tkun lesta tħallas l-ispejjeż magħmula mill-awtorità.

100. Dan isegwi mhux biss mil-loġika ta' regoli dwar aċċess għal dokumenti, fejn aċċess ikun stadju separat minn spejjeż, iżda wkoll mill-importanza tal-ugwaljanza: il-kapaċità (jew in-nuqqas tagħha) ta' ħlas ta' spejjeż ma għandha qatt tiddetermina aċċess. Xorta'oħra aċċess għal dokumenti jkun possibbli biss għal dawk li jkunu jistgħu jħallsu.

101. Għalhekk, ladarba jkun ġie deċiż li jingħata aċċess minħabba l-ammont raġonevoli ta' xogħol addizzjonali meħtieġ, ikun għall-korp uffiċjali li jiddeċiedi, fl-istadju li jkun imiss u indipendenti, jekk l-ispejjeż li setgħu saru għandhomx jitħallsu mill-persuna li titlob l-informazzjoni. Dwar dan, jistgħu għall-darba oħra jsiru analoġiji ma' aċċess għal dokumenti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew mal-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku. B'mod partikolari, ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jipprovdi li l-ispejjeż tal-produzzjoni u tat-trażmissjoni ta' kopji jista' jkollu jħallashom l-applikant, għalkemm dan il-ħlas ma jistax ikun iktar mill-ispejjeż reali tal-produzzjoni u tat-trażmissjoni tal-kopji [40]. Bl-istess mod, id-Direttiva 2003/98 tipprovdi li fejn jintalab ħlas għall-użu mill-ġdid ta' dokumenti, dan il-ħlas għandu jkun limitat għall-ispejjeż marġinali magħmula għar-riproduzzjoni, għall-provvista u għad-distribuzzjoni tagħhom [41].

102. B'analoġija ma dawn ir-regoli, jidher raġonevoli, f'dan il-kuntest, li l-korp uffiċjali mitlub jagħti informazzjoni kellu jitlob lid-detenturi jħallsu l-ispejjeż sostnuti sabiex tingħata dik l-informazzjoni fil-limiti tal-ispejjeż addizzjonali reali għall-korp uffiċjali sabiex jipproċessa l-informazzjoni.

103. Għalhekk, l-Artikolu 11(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni għandu jiġi interpretat bħala li jippermetti lil korp uffiċjali jżomm l-informazzjoni mitluba jekk l-ipproċessar tad-data li tkun diġà disponibbli aktarx ikun jinvolvi ammont ta' xogħol sproporzjonat li ma jkunx jista' raġonevolment jitwettaq minn dak il-korp pubbliku.

## V. Konklużjoni

104. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi magħmula mit-Thüringer Oberlandesgericht (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Thüringen, il-Ġermanja) kif ġej:

– L-Artikolu 11(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1768/95 tal-24 ta' Lulju 1995 li jimplimenta regoli dwar l-eżenzjoni agrikola prevista fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 dwar drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità għandu jiġi interpretat fis-sens li jeżiġi li talbiet għal informazzjoni lil korpi uffiċjali jkunu fformulati fir-rigward ta' varjetajiet protetti speċifiċi. Din id-dispożizzjoni, madankollu, ma tipprekludix lill-Istati Membri milli jagħtu aċċess għal informazzjoni mingħand korpi uffiċjali dwar speċi skont id-dritt nazzjonali.

– Awtorità pubblika inkarigata mill-monitoraġġ tal-għoti ta' sussidji tal-Unjoni hija korp uffiċjali involut fil-monitoraġġ ta' produzzjoni agrikola. Għaldaqstant, korp bħal dan ma jistax jirrikorri għall-eċċezzjoni għall-obbligu li tingħata informazzjoni kif stabbilit fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament Nru 1768/95.

40 Ara l-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU *Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331*).

41 Ara l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/98.

– L-Artikolu 11(2) tar-Regolament Nru 1768/95 għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lil korp uffiċjali jżomm l-informazzjoni mitluba jekk l-ipproċessar tad-data diġà disponibbli aktarx ikun jinvolvi ammont ta’ xogħol sproporzjonat li ma jkunx jista’ raġonevolment jitwettaq minn dak il-korp pubbliku.